BANK ĊENTRALI EWROPEW

# REĠIM TRANŻITORJU GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-QAFAS TA' REFERENZA DWAR IR-RIĊIKLAĠĠ TAL-KARTI TAL-FLUS FL-ISTATI MEMBRI ĠODDA PARTEĊIPANTI

Il-qafas ta' referenza għall-identifikar ta' flus foloz u l-għażla ta' karti tal-flus mhux aktar idonei (*fitness sorting*) mill-istituzzjonijiet ta' kreditu u persuni professjonali oħra li jitrattaw il-flus kontanti (*cash handlers*) (minn issa 'l quddiem il-'qafas'), adottat f'Diċembru, 2004, u ppublikat fuq il-*website* tal-BĊE,[1] se japplika wkoll għall-Istati Membri ġodda parteċipanti meta huma jadottaw il-euro.

Skond deċiżjoni tal-Kunsill Governattiv:

(a) Għal Stati Membri ġodda parteċipanti li jadottaw il-euro **qabel jew fil-31 ta' Diċembru, 2009,** minflok is-Sezzjoni 3 tal-qafas se japplika r-reġim tranżitorju li ġej:

- Il-bank ċentrali nazzjonali (BĊNi) ta' kull Stat Membru ġdid parteċipanti se jimplimentaw il-qafas fuq livell nazzjonali kemm jista' jkun malajr, mhux aktar tard minn tnax-il xahar mid-data li fiha l-karti tal-flus u l-muniti euro jakkwistaw l-istatus ta' valuta legali fl-Istat Membru ġdid parteċipanti rilevanti.
- Barra minn dan, ma' l-iskadenza tal-perijodu ta' implimentazzjoni ta' tnax-il xahar imsemmi hawn fuq, se jkun hemm perijodu tranżitorju ta' 12-il xahar biex l-istituzzjonijiet ta' kreditu u persuni professjonali oħra li jitrattaw il-flus kontanti jadattaw il-proċeduri tat-trattament tal-flus kontanti (*cash handling procedures*) u l-magni diġa` fis-servizz skond ir-rekwiżiti stabbiliti fil-qafas.

(b) Għal Stati Membri ġodda parteċipanti li jadottaw il-euro **wara l-31 ta' Diċembru 2009,** minflok is-Sezzjoni 3 tal-qafas se japplika r-reġim tranżitorju li ġej:

- Il-BĊNi ta' kull Stat Membru ġdid parteċipanti se jimplimentaw il-qafas sa dik id-data li fiha l-karti tal-flus u l-muniti euro jakkwistaw l-istatus ta' valuta legali fl-Istat Membru ġdid parteċipanti rilevanti.
- Mid-data meta l-karti tal-flus u l-muniti euro jakkwistaw l-istatus ta' valuta legali, se jkun hemm perijodu tranżitorju ta' 12-il xahar biex l-istituzzjonijiet ta' kreditu u persuni professjonali oħra li jitrattaw il-flus kontanti jadattaw il-proċeduri tat-trattament tal-flus kontanti u l-magni diġa` fis-servizz skond ir-rekwiżiti stabbiliti fil-qafas.

ċ) Meta l-istituzzjonijiet ta' kreditu u persuni professjonali oħra li jitrattaw il-flus kontanti jiddeċiedu kontra r-riċiklaġġ tal-karti tal-flus, huma se jibqa' jkollhom l-għażla li jkollhom r-rekwiżiti tagħhom tal-karti tal-flus euro sodisfatti mill-BĊNi, kif iddefiniti minn kull BĊN.

1 http://www.ecb.int/pub/pdf/other/recyclingeurobanknotes2005mt.pdf

© **Bank Ċentrali Ewropew, 2006**
**Indirizz:** Kaiserstrasse 29, 60311 Frankfurt am Main, Il-Ġermanja
**Indirizz postali:** Postfach 16 03 19, 60066 Frankfurt am Main, Il-Ġermanja
**Telephone** +49 69 1344 0
**Website:** http://www.ecb.int
**Fax:** +49 69 1344 6000
**Telex:** 411 144 ecb d
*Id-drittijiet kollha riżervati. Ir-riproduzzjoni għal għanijiet edukattivi u mhux kummerċjali hi permessa sakemm jiġi rikonoxxut dan is-sors.*
ISBN 92-899-0013-X (online)